# Il-Kult Marjan f'Birkirkara

minn Edward Camilleri

Fir-raħal ta' Birkirkara d-devozzjoni lejn Sidtna Marija hija waħda kbira ferm, u xhieda ta' dan kollu huma l-għadd ta' statwi, pitturi u knejjes li juru fil-fatt kemm hija kbira l-imħabba li l-Karkarizi minn dejjem kellhom lejn l-omm tagħna tas-sema.

Ta' min jgħid qabel xejn, illi fost l-ewwel knejjes Parrokkjali li kien hawn f'Birkirkara kien hawn il-Knisja ddedikata lil-Lunzjata li nbiet fi żmien il-Kappillan Dun Ġużepp Bellia f'xi l-1567. Din imbagħad kellha tinħatt biex tinbena l-Kolleġjata ta' Santa Elena.

Fl-1614 imbagħad inbniet il-Knisja tagħna bit-titlu tat-Tlugħ fis-Sema ta' Marija, fl-1614 fuq pjanta tal-magħruf Vittorju Cassar. Hawn f'din il-Knisja , kien hawn diversi pitturi tal-Madonna taħt diversi titli fosthom tar-Rużarju. Sfortunatament meta din il-Knisja ġiet abbandunata meta nbniet il-Knisja l-oħra, il-Kwadri li ma' ġewx meħuda fil-Knisja l-oħra spiċċaw f'imkejjen oħra mhux magħrufa. Meta imbagħad, fl-1727 inbniet il-Knisja Kolleġġjata ta' Santa Elena diversi kienu dawk il-pitturi li maż-żmien ġew imżanżna f'din il-Bażilika. Fil-fatt wieħed mill-artali hu ddedikat lil Lunzjata biex ifakkar fil-Kappella li darba kienet teżisti, dan hu xogħol il-pittur Erardi.



Il-Knisja tagħna, simbolu tal-kult Marjan f'Birkirkara

Artali oħra huma tal-Madonna taċ-Ċintura kif ukoll il-Kappellun tar-Rużarju bil-pittura tal-magħruf Francesco Żahra. Artal ieħor hu dak tal-Madonna tal-Karmnu. Minbarra hekk fuq il-Kwardu titulari ta' Santa Elena , fil-għoli insibu pittura sabiħa li turi lil Santa Marija, xogħol Rokku Buħaġiar. Minbarra dawn il-pitturi wieħed isib diversi statwi tal-Madonna, bħal dik tad-Duttrina xogħol Karlu Darmanin ta' l-1870. Hawn ta' min jagħmel parentesi zgħira biex jgħid li anke fil-Knisja tagħna teżisti statwa tal-Madonna tad-Duttrina li hija ferm aktar antika imma ma nafux la meta saret u lanqas min għamilha.

Statwa oħra hija dik tal-Madonna tar-Rużarju, minquxa fl-injam. Xbieha oħra tal-Madonna li nsibu f'din il-knisja hija dik tad-Duluri, xogħol ieħor ta' Karlu Darmanin. Fl-istess kappellun fejn hemm din l-istatwa hemm ukoll xbieha ta' l-hekk imsejħa "Madonna ta' l-Erwieħ", xogħol sabiħ fil-karta pesta.


Statwa tad-duluri li tinsab fil-Bażilika ta' Sant'Elena

Jekk noħorġu mill-Bażilika ta' Sant' Elena nsibu li mhux 'il bogħod wisq hemm il-magħruf Santwarju ddedikat lill- Madonna taħt it-titlu "tal-Ġerba". Din il-Knisja – Santwarju, għalkemm mhix kbira fid-daqs, xorta waħda hija ferm sabiħa u tiġbed ħafna devozzjoni. Ta' min ifakkar li l-kwadru titulari, li ma nafux min pittru, kien ġie nkurunat fis-snin ħamsin. Il-pittura turi lil Madonna flimkien ma' xi qaddisin oħra. Żgur li f'din il-Knisja wieħed jista' jsib diversi xogħlijiet mill-aqwa tal-pittur Karkariż il-Prof. Ġużeppi Briffa li b'kapaċita' kbira żejjen is-saqaf, il-koppla u l-artali laterali bi kwadri mill-isbaħ li jirraffiguraw, fost l-oħrajn, xeni mill-ħajja tal-Madonna kif ukoll personaġġi mill-Antik Testment. Dan ix-xogħol għamlu bejn l-1926 u l-1959. F'dawn l-aħħar snin dawn il-pitturi ġew restawrati biex b'hekk reġgħu għas-isbuħija oriġinali tagħhom.


Ix-xbieha tal-Madonna ta' l-Erwieħ meqjuma fil-Bażilika ta' Sant'Elena

Knisja oħra li nsibu f' B'Kara hija s-Santwarju ta' Santa Tereża mmexxi mill-Patrijiet Tereżjani. Qabel xejn ta' min ifakkar illi kienet teżisti Knisja oħra li il-lum il-ġurnata qed tintuża bħala sala tal-konferenzi. F'dan is-santwarju, mibni fis-snin 80, insibu l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol minn Lecce miġjub Malta għall-ħabta ta' l-1907. Din kienet saret fuq disinn ta' ċertu Arturo Galdes. Minbarra hekk insibu wkoll xbieha tad-Duluri.

Dawn kienu ftit mid-diversi xbihat li nsibu fil-Knejjes Karkariżi li juru kif minn dejjem il-poplu ta' dan ir-raħal wera l-imħabba li għandu lejn Sidtna Marija. J'Alla din id-devozzjoni tkompli tissaħħaħ u tiġġedded sabiex verament permezz ta' Marija nagħrfu nimxu aktar mill-qrib wara Kristu, l-għajn tal-ħajja tagħna.

Bibljografija-

Ktejjeb Festa Sta. Elena- Snin diversi.
Informazzjoni miskuba mill-awtur ta' l-artiklu.